



**DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI TAL-
UNJONI**

**DIPARTIMENT GĦALL-POLITIKI B: POLITIKI STRUTTURALI U TA'
KOEŻJONI**

KULTURA U EDUKAZZJONI

NINKORAĠĠIXXU L-INVESTIMENT PRIVAT FIS-SETTUR KULTURALI

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Transunt

Dan l-istudju jidentifika xejriet użati biex jithegġegħ l-investiment privat fis-settur kulturali fl-Istati Membri tal-UE. L-istudju jiddiskuti fid-dettall id-dejta empirika miġbura permezz ta' kwestjonarji, analiżi tal-każijiet ta' ħames pajjiżi u riċerka primarja. Jipprovdi stampa ġenerali tal-mekkaniżmi u l-miżuri użati biex jithegġegħ l-investiment privat, fosthom: il-qafas fiskali (jiġifieri wieħed li jhegġegħ il-konsum tal-kultura u l-investiment kummerċjali u filantropiku), skemi finanzjarji u bankarji u mekkaniżmi intermedjarji. Qed jiġi pprovdut paragun bejn l-investiment privat fil-kultura fl-Istati Uniti u dak fl-Ewropa.

Dan id-dokument intalab Kunitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew.

AWTURI

IMO – Istitut għar-Relazzjonijiet Internazzjonali
Vesna Čopič, Ph.D., Kap tal-Grupp ta' Riċerka
Aleksandra Uzelac, Ph.D., Koordinatriċi tal-istudju
Jaka Primorac, Ph.D.
Daniela Angelina Jelinčić, Ph.D.
Andrej Srakar, M.Sc.
Ana Žuvela, M.A.

AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Is-Sra Ana Maria Nogueira
Id-Dipartiment tal-Linji Politiki Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Il-Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
Indirizz elettroniku: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

ASSISTENZA EDITORJALI

Is-Sra Lyna Pärt

VERŻONIJIET LINGWISTIĊI

Oriġinali: EN

Traduzzjoni: BG, CS, DA, DE, EL, ES, ET, FI, FR, HU, IT, LT, LV, NL, PL, PT, RO, SK, SL, SV.

DWAR L-EDITUR

Biex tikkuntattja d-Dipartiment tal-Politiki B jew biex tabbona fl-ittra ta' informazzjoni li toħroġ ta' kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'Lulju 2011.
Brussell, © Parlament Ewropew, 2011.

Dan id-dokument huwa disponibbli fl-internet fl-indirizz:
<http://www.europarl.europa.eu/studies>

KLAWSOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABILITÀ

L-opinjoni espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità biss tal-awtur u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mġarraf minn qabel u mibgħut kopja.

LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET

- A&B** Arti u Negozju
- ABSA** Association for Business Sponsorship of the Arts
- ACE** Arts Council England
- ACRI** L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Banek Lokali tat-Tfaddil u l-Fondazzjonijiet Bankarji
- ADMICAL** Carrefour du Mécénat d'Entreprise (Netwerk għall-filantropija korporattiva)
- AEDME** Asociación Española para el Desarrollo del Mecenazgo Empresarial
- BC** Bondardo Comunicazione
- BDI** Haus der Deutschen Wirtschaft (**Federazzjoni tal-Indusrija Ġermaniża**)
- CAF** Fondazzjoni tal-Għajnuna għall-Karità
- CATI** Intervisti fuq it-telefown bl-għajnuna tal-kompjuters
- CCR** Responsabilità Kulturali Korporattiva
- CEG** Grupp tal-Esportazzjoni Kreattiva
- CEREC** Kumitat Ewropew għan-Negozju, l-Arti u l-Kultura
- CHPA** Att dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali
- CIAV** Programm ta' Ċertifikat fl-Investiment Awdjoviżiv
- CNC** Centre National de la Cinématographie
- CSR** Responsabilità Soċjali Korporattiva
- CZK** Il-koruna Ċeka, il-munita
- DCMS** Dipartiment għall-Kultura, il-Midja u l-Isport
- KE** Kummissjoni Ewropea
- ŻEE** Żona Ekonomika Ewropea
- EFCS** Qafas Ewropew għall-istatistika kulturali
- EGEDA** Assoċjazzjoni tal-Arranġament mill-Ġdid tad-Drittijiet tal-Produtturi Awdjoviżivi
- EIS** Skema ta' Investiment fl-Intrapriża
- UE** Unjoni Ewropea

- EUR** L-ewro, il-munita
- FPC** Intrapriża tal-produzzjoni tal-films
- GBP** Il-lira sterlina, il-munita
- PDG** Prodott Gross Domestiku
- ICAA** Istitut taċ-Ċinematografija u l-Arti Awdjoviżivi
- IFCIC** Institut de Financement du Cinéma et des Industries Culturelles
- IMO** Institut za međunarodne odnose (Istitut għar-Relazzjonijiet Internazzjonali)
- IWK** Initiativen Wirtschaft für Kunst (Il-Kumitat tan-Negożju Awstrijak għall-Arti)
- JSKD** Fond Pubbliku għall-Attivitajiet Kulturali
- LOF** Liġi dwar il-Fondazzjonijiet
- MKIDN** Ministerstwo Kultury i Dziedzictwa Narodowego (Ministeru għall-Kultura u l-Wirt Nazzjonali)
- MLA** Il-Kunsill għall-Mużewijiet, il-Libreriji u l-Arkivji
- NCK** Narodowe Centrum Kultury
- NDPB** Korp pubbliku mhux dipartimentali
- NESTA** Id-Dotazzjoni Nazzjonali għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Arti
- NEA** Id-Dotazzjoni Nazzjonali għall-Arti
- NGO** Organizzazzjoni mhux governattiva
- NHMF** Fond Memorjali għall-Wirt Nazzjonali
- NIOK** Ċentru ta' Informazzjoni u Taħriġ Mingħajr Skop ta' Qliġh
- NPO** Organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ
- NSRK** *L-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Kultura*
- Forum Nyx** Forum Daniż għall-Arti u n-Negożju
- OECD** Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku
- PBA** Liġi dwar l-Attività għall-Benefiċċju Pubbliku u l-Volontarjat
- PBO** Organizzazzjoni għall-Benefiċċju Pubbliku
- PDAIA** Il-Protezzjoni ta' Dokumenti u Arkivji u l-Att dwar l-Istituzzjonijiet tal-Arkivji
- PLN** Iz-zloty Pollakk, il-munita

PPP	Sħubiji pubbliċi-privati
PVF	Fondazzjoni għall-Filantropija intraprenditorjali
RCAHMW	Royal Commission on the Ancient and Historical Monuments of Wales (Kummissjoni Rjali dwar il-Monumenti Aniki u Storiċi ta' Wales)
R&Ż	Riċerka u Żvilupp
RTV	Radju u televiżjoni
SAZAS	Združenje skladateljev in avtorjev za zaščito glasbene avtorske pravice Slovenije (Soċjetà ta' Kompożituri, Awturi u Pubblikaturi għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Awtur fis-Slovenja)
SEK	Il-krone Żvediż, il-munita
SKK	Il-koruna Slovakka, il-munita
SME	Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju
SOFICA	Société pour le Financement de l'Industrie Cinématographique et Audiovisuelle
TCA	Att dwar il-Konsolidazzjoni tat-Taxxa
TFUE	Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
UK	Ir-Renju Unit
UNESCO	Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti
US	L-Istati Uniti
USD	Id-dollaru Amerikan, il-munita
VAT	Taxxa fuq il-valur miżjud
VP	Filantropija intraprenditorjali (venture philanthropy)
ZUJIK	L-Eżerċitar tal-Att dwar l-Interess Pubbliku fil-Kultura
ZAMP	Združenje avtorjev Slovenije (Soċjetà tal-Awturi Sloveni)
WWIK	L-Att dwar il-Ġenerazzjoni tad-Dħul għall-Artisti

SOMMARJU EŻEKUTTIV

1.1. Daħla

1.1.1. L-ambitu tal-istudju

L-ekonomija tal-arti u l-kultura bbażata fuq fondi mħallta ġeneralment titqies mudell finanzjarjament sostenibbli. Filwaqt li d-diversi sorsi ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali jinkludu l-appoġġ pubbliku, l-appoġġ privat u d-dħul, dan l-istudju huwa ddedikat għall-analiżi tal-investment privat fil-kultura. Jipprova janalizza d-diversi forom ta' investment privat mill-perspettiva tal-politiki kulturali u l-miżuri ta' stimolu eżistenti. L-għan tal-istudju huwa li jipprovdi lill-Parlament Ewropew b'fehim aħjar tal-importanza tal-inċentivi pubbliċi għall-finanzjament privat tal-kultura. L-għan ewlieni ta' din ir-riċerka huwa li tingħata importanza lill-aspetti ekonomiċi, politiċi u kulturali tal-modi u l-mekkaniżmi ta' finanzjament żviluppanti mill-gvernijiet bil-għan li jitħeġġu l-investment privat fis-settur kulturali u l-firxa tal-użu ta' tali modi u mekkaniżmi. L-istudju jipprova jidentifika xejriet ġenerali fl-UE rigward il-finanzjament privat tas-settur kulturali u fl-istess ħin jipprovdi eżempji ta' prattiki u politiki ġodda fl-Istati Membri tal-UE. Jiffoka fuq l-investigazzjoni tal-motivazzjonijiet ewlenin biex wieħed jifinanzja s-settur kulturali u l-ostakli ewlenin li qed jiffaċċjaw l-investituri privati. L-istudju jindirizza l-ħtieġa ta' riċerka komparattiva dwar il-politika kulturali f'dan il-qasam u jenfasizza r-responsabilità komuni tal-Istati Membri tal-UE għall-provvediment ta' dejta komparattiva fil-livell tal-UE. Jinkludi wkoll analiżi qasira tax-xejriet u d-differenzi ewlenin meta wieħed iqabbel is-sitwazzjoni ma' dik fl-Istati Uniti.

It-terminu "investment privat", kif iddefinit f'dan l-istudju, jinkludi kwalunkwe investment, għoti jew infiq b'rabta mal-kultura li jsir minn individwi, negozji jew organizzazzjonijiet mhux pubbliċi. Din id-definizzjoni tmur lil hinn minn kunċett ta' investment privat primarjament assoċjat ma' qligħ kapitali u tinkludi l-appoġġ privat u d-dħul li qed jiksbu individwi, negozji u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, irrispettivament jekk għandhomx irwol ta' investituri, sponsors, donaturi jew konsumaturi tal-kultura. Għaldaqstant, il-forom rilevanti ta' appoġġ diskussi f'dan l-istudju huma l-investment dirett, l-isponsorizzazzjoni, il-patroċinju u d-donazzjonijiet kif ukoll il-qligħ mid-dħul iġġenerat mill-operaturi stess, bħalma huma l-biljetti, il-ħlasijiet għad-dħul u tranżazzjonijiet ta' bejgħ oħra. L-investment, l-għoti u l-infiq huma ġġenerati minn motivi differenti: l-investment, mill-prinċipju ta' qligħ kif imkejjel f'termini ta' profitt, l-għoti, mill-prinċipju ta' responsabilità soċjali kif espressa permezz tal-valuri soċjali u simboliċi u oħrajn simili li mhumiex ta' natura ekonomika, u l-infiq, mill-prinċipju tas-sovranietà tal-konsumatur kif imkejla bil-valur tal-kultura fis-suq jew dak tal-użu tagħha kif ukoll il-valur intrinsiku tal-kultura.

1.1.2. Sorsi ta' dejta użati

Il-perċezzjoni komuni li l-ekonomija tal-arti u l-kultura bbażata fuq fondi mħallta tista' tiftaħ perspettivi ġodda għas-sostenibilità tal-attivitajiet tas-settur kulturali wasslet għal pressjoni biex wieħed isib sorsi oħra bil-għan li jikkomplementa l-fondi pubbliċi u jhegġegħ l-użu tagħhom. Għalhekk, hija ħaġa tal-iskantament li m'hemmx biżżejjed dejta komparattiva dwar il-kobor tal-fondi privati għall-kultura u l-effikaċja tal-miżuri eżistenti u l-metodoloġija komparattiva fl-Ewropa. Xi studji u sħarriġiet dwar l-għoti privat u l-isponsorizzazzjoni kulturali li twettqu minn organizzazzjonijiet tal-arti u tan-negozji jipprovdu ħarsa limitata lejn ir-realtajiet nazzjonali differenti. Madankollu, id-dejta eżistenti qed tinġabar bl-użu ta' metodoloġiji differenti, u b'hekk hija nieqsa mill-kwalità li tippermetti l-paragun f'livell Ewropew.

Biex ikun ikkumpensat in-nuqqas ta' dejta sistematika dwar kwistjonijiet relatati mal-investment privat fil-kultura, u b'mod partikolari rigward l-inċentivi eżistenti għal investimenti privati fl-UE, sar tentattiv biex jinkiseb għarfien dwar is-sitwazzjonijiet li jirrigwardaw l-investment privat fid-diversi pajjiżi tal-UE billi nġabret informazzjoni

permezz ta' kwestjonarji. Intbagħat kwestjonarju lis-27 Ministeru għall-Kultura fl-UE bil-għan li tinġabar dejta dwar inċentivi eżistenti għall-investment privat fil-kultura. Id-dettall tar-risposti li waslu varja minn risposta għal oħra. Irċevejna risposti minn ħafna Ministeri għall-Kultura li infurmawna li tali dejta mhix qed tinġabar minnhom b'mod sistematiku jew li hija taqa' fil-kompetenzi tal-Ministeri għall-Finanzi. L-organizzazzjonijiet eżistenti tal-arti u tan-negozji u l-organizzazzjonijiet kulturali fl-Ewropa ngħataw listi qosra ta' mistoqsijiet dwar l-investment privat fis-settur kulturali. Ingħatat ukoll ħarsa aktar dettaljata lil pajjiżi magħżula billi nħolqu ħames studji tal-każijiet (l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja, u r-Renju Unit). Il-Kompendju tal-Politiki u x-Xejriet Kulturali fl-Ewropa, eżerċizzju pan-Ewropew ta' mmappjar tal-politika kulturali, kien sors ta' dejta siewi ieħor li ntuża għal din l-analiżi. Saret ukoll riċerka primarja estensiva dwar il-kitba rilevanti li tiffoka fuq dan is-suġġett.

1.1.3. L-istruttura tal-istudju

L-istudju jikkonsisti f'seba' kapitli. Kapitolu I jipprovdi daħla għall-istudju. Kapitolu II jagħti l-kuntest li jispjega t-termini ewlenin li ntużaw fih, billi jippreżenta kunċetti bażiċi ta' politika kulturali u modi ta' finanzjament u billi jipprovdi qafas biex wieħed jifhem l-irwol tat-tassazzjoni u l-karatteristiċi prinċipali tagħha. Jagħti stampa ġenerali tal-finanzjament tal-arti u l-kultura billi jikklassifikah fi tliet sorsi (jiġifieri fondi pubbliċi, fondi privati u dħul) kif ukoll skont il-finanzjaturi differenti (jiġifieri kumpaniji, individwi u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ). Dan il-kapitolu jiddiskuti fid-dettall il-modi ta' kif isir il-finanzjament permezz tad-dimensjonijiet ekonomiċi, politiċi u kulturali tiegħu. Fid-dawl tas-sovranità kulturali tal-Istati Membri tal-UE u l-irwol limitat tar-regolamentazzjoni fiskali mill-UE, dan il-kapitolu jindirizza wkoll fil-qosor l-impatt tar-regoli tal-UE dwar it-tassazzjoni fl-Istati Membri. Tingħata tipoloġija tad-diversi tipi ta' investment privat skont il-motivi relatati (pereżempju l-investment dirett, inklużi s-sħubijiet pubbliċi-privati; l-isponserizzazzjoni; il-patrunaġġ u d-donazzjonijiet). Jenfasizza li l-isforzi kollha tal-gvernijiet huma marbuta mill-qrib mas-settur kulturali proattiv: l-intraprenditorjat kulturali, it-tqegħid fis-suq effikaċi, il-ġbir intensiv ta' fondi u l-bini ta' udjenza, flimkien mal-"bidla diġitali", jippreżentaw sfidi ġodda għal kull min ikun involut. Kapitolu III jiddeskrivi mekkaniżmi, strumenti u miżuri magħżula b'rabta mat-tnaqqis tat-taxxa, inċentivi finanzjarji mmirati biex jiġbdu kofinanzjaturi potenzjali, organizzazzjonijiet ewlenin li jservu ta' medjaturi bejn l-arti u n-negozju jew l-arti u s-setturi statali, u linji gwida oħra ta' politika li jista' jkun li jintroduċu xejriet ġodda. Kapitolu IV jippreżenta l-ħames studji tal-każijiet minn partijiet differenti tal-UE: it-Tramuntana u n-Nofsinhar, Stati Membri qodma u ġodda, u diversi tradizzjonijiet ta' politika kulturali (l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja, u r-Renju Unit), f'tentattiv li jiġu identifikati l-prattiki u x-xejriet eżistenti li jħeġġu l-appoġġ privat għall-kultura. Kapitolu V, minn perspettiva komparattiva, jiddiskuti s-sistema ta' inċentivi tal-Istati Uniti għall-investment privat fil-kultura. Waħda mir-raġunijiet tad-disparitajiet hija l-preżenza ta' differenzi kulturali u sistemiċi fi ħdan is-sistemi ta' finanzjament Ewropej u Amerikani. B'hekk, f'dan l-istudju jiġu kkunsidrati l-mekkaniżmi magħżula ta' finanzjament fl-Istati Uniti. Kapitolu VI joffri xi riflessjonijiet finali filwaqt li Kapitolu VII jipproponi rakkomandazzjonijiet dwar kif wieħed jista' jħeġġeġ il-finanzjament privat tas-settur fil-livell tal-UE kif ukoll permezz ta' ideat ta' politika li ma jaqgħux fil-qasam ta' kompetenza ristrett tal-UE, iżda li x'aktarx jikkorrispondu għax-xejriet ipperċeputi li huma rilevanti għall-gvernijiet nazzjonali u reġjonali.

Il-materjal żviluppat mit-tim tal-proġett, li fuqu huwa bbażat dan ir-rapport, jikkonsisti f'ħames annessi mehmuża ma' dan l-istudju: Anness 1 jippreżenta miżuri biex wieħed iħeġġeġ l-investment privat f'setturi kulturali magħżula; b'mod partikolari s-settur awdjoviżiv u dak tal-patrimonju kulturali. Anness 2 iwassal verżjonijiet kompleti u ddettaljata tal-istudji tal-każijiet li huma ppreżentati fil-Kapitolu IV tal-istudju. Anness 3 jikkonsisti f'inventarju tal-inċentivi eżistenti biex wieħed iħeġġeġ l-investment privat fil-kultura fil-pajjiżi tal-UE li tħejja bħala fajl ta' ħidma għal dan l-istudju. Anness 4 jiddeskrivi fil-qosor is-sistema tal-għoti privat tal-Istati Uniti u l-karatteristiċi tagħha f'aktar dettall milli nsibu f'Kapitolu V, filwaqt li Anness 5 joffri glossarju qasir tat-termini użati fl-istudju.

1.2. L-investment privat fil-kultura: kunċetti sottostanti

F'dan l-istudju, il-**kultura** hija meqjusa bħala settur ta' attività bbażat fuq l-arti kreattiva oriġinali li jħalli impatt ekonomiku u jiġġenera benefiċċji soċjali billi joħloq, jipproduċi u jqassam prodotti u servizzi f'diversi oqsma kulturali. L-outputs tas-settur kulturali jinkorporaw valuri differenti tal-kultura. Biex wieħed jevalwa b'mod adegwat il-valuri tal-kultura, din għandha titqies bħala prodott tas-suq privat kif ukoll bħala prodott pubbliku. Iż-żewġ aspetti ewlenin tal-valur tal-kultura huma l-valur ekonomiku u l-valur kulturali. Il-valur ekonomiku jikkonsisti f'valuri tal-użu u mhux tal-użu. Il-valur fis-suq, jew tal-użu, tal-kultura jista' jiġi espress f'termini ta' prezzijiet imħallsa għall-prodotti u s-servizzi kulturali. Il-kunċett tal-valuri mhux użabbli jfisser il-valuri li l-individwi jassoċjaw mal-prodotti jew is-servizzi kulturali mingħajr ma jużawhom personalment (billi pereżempju jattendu avvenimenti, jaraw oġġetti eżibiti, jaqraw kotba) (Hansen, 1997; Navrud u Ready, 2002). Il-valuri mhux użabbli jistgħu jiġu kklassifikati wkoll bħala valuri ta' għażla, ta' legat, ta' eżistenza, ta' prestiġġju u ta' edukazzjoni (Frey u Pommerehne, 1989). Il-kunċett tal-valur kulturali jirreferi għall-valur li għandu prodott jew servizz kulturali, irrispettivament mill-pożizzjoni tiegħu fis-sistema ekonomika. Il-valuri kulturali jinqasmu f'valuri soċjali, simboliċi, estetiċi, spiritwali, storiċi u ta' awtentiċità (Throsby, 2001).

Għall-finijiet ta' dan l-istudju, ġiet żviluppata klassifika ta' sorsi f'**ekonomija bbażata fuq fondi mħallta**. Għaldaqstant, hemm tliet sorsi ewlenin għall-iffinanzjar tal-kultura fl-Ewropa: l-appoġġ pubbliku (dirett u indirett), l-apoġġ privat (appoġġ minn negozji, għoti individwali, fondazzjonijiet u trusts) u d-dħul.

L-**appoġġ pubbliku** jinkludi l-appoġġ pubbliku dirett u l-appoġġ pubbliku indirett. L-*appoġġ pubbliku dirett* għall-kultura ifisser kull appoġġ mogħti għall-attivitajiet kulturali minn korpi governattivi u/jew korpi pubbliċi oħra. L-appoġġ pubbliku dirett jinkludi sussidji, għotjiet, konċessjonijiet, eċċ., jiġifieri l-flus huma trasferiti direttament mill-fondi pubbliċi għall-kontijiet tar-riċevituri. L-*appoġġ pubbliku indirett* jikkonsisti f'miżuri adottati minn istituzzjonijiet governattivi u/jew pubbliċi, normalment permezz ta' atti legali, għall-benefiċċju ta' organizzazzjonijiet kulturali li ma jinvolvox trasferiment ta' flus minn dawk tal-ewwel għal dawk tal-aħħar. Il-miżuri indiretti jirreferu primarjament għall-infiq fiskali, jiġifieri d-dħul li jiċċaħħdu minnu l-gvernijiet lokali u nazzjonali minħabba t-tranżazzjonijiet fiskali li jingħataw lill-istituzzjonijiet kulturali, għotjiet korrispondenti, u skemi oħra finanzjarji jew bankarji li permezz tagħhom il-benefiċjarji, aktar milli l-uffiċjali governattivi, jiddeterminaw liema organizzazzjonijiet se jibbenefikaw.

Appoġġ privat – Appoġġ privat għall-kultura jfisser kull appoġġ finanzjarju pprovdut permezz ta' investment, għoti jew infiq fil-livell individwali jew mhux pubbliku. L-appoġġ privat jista' jkollu iktar fergħat pereżempkju l-appoġġ minn negozji, l-għoti individwali, u l-appoġġ minn fondazzjonijiet u trusts. *Appoġġ minn negozji* jfisser investment dirett immirat għall-qligħ kapitali, inklużi s-sħubijiet pubbliċi-privati u l-investimenti f'kollezzjonijiet tal-arti, kif ukoll l-isponsorizzazzjoni u d-donazzjonijiet korporattivi. L-*għoti individwali* jiġbor fih it-tranżazzjonijiet kollha mwettqa minn individwi bil-għan li jagħtu donazzjoni jew kontribuzzjoni għall-kultura. L-għotjiet individwali għandhom jingħarfu mill-infiq tal-familja għall-kultura, li jaqa' fil-kategorija tad-dħul. Appoġġ minn *fondazzjonijiet* u *trusts* ifisser appoġġ minn istituzzjonijiet intermedjarji, is-soltu mwaqqfa bil-liġi, li jaqdu għanijiet u missjonijiet speċjali u huma appoġġjati minn dotazzjonijiet privati.

Dħul – Din il-kategorija tinkludi kull infiq individwali għal għanijiet kulturali, bħalma huma l-ħlasijiet għad-dħul f'istituzzjonijiet kulturali jew ix-xiri ta' oġġetti kulturali. Għaldaqstant, id-dħul jirreferi għal kull dħul dirett li jinkiseb minn organizzazzjonijiet kulturali fis-suq.

L-appoġġ pubbliku dirett għall-kultura bħalissa għandu t-tendenza li jonqos, **minħabba l-kriżi finanzjarja riċenti**. Il-parti l-kbira tal-pajjiżi kważi eżawrixxew il-baġits tagħhom, u minħabba f'hekk jibdeu jitħajru jesperimentaw b'sistemi ta' appoġġ privat għall-kultura. Matul id-deċennji preċedenti, il-livell ta' appoġġ min-negozji kien qed jiżdied fil-pajjiżi Ewropej, iżda bħalissa qed jonqos minħabba l-kriżi finanzjarja riċenti. Il-fondazzjonijiet

privati fl-Ewropa wkoll qed inaqqsu l-baġit tagħhom, u kien hemm effett negattiv anki fuq l-infiq individwali.

Hemm rabta bejn l-investimenti fil-kultura u l-valuri tal-kultura. Hemm erba' sottokategoriji ta' investment privat fil-kultura, abbażi tal-motivi li jwasslu għalih: **investimenti diretti/kapitali**, li għandhom il-profitt bħala l-motiv ewlieni tagħhom (u għaldaqstant jikkonċernaw fuq kollox il-valur ekonomiku); **l-isponserizzazzjoni**, li hija interazzjoni kummerċjali b'effett fuq iż-żewġ naħat (iġġib profitt u rikonoxximent tad-ditta lin-negozji kif ukoll benefiċċji lill-organizzazzjonijiet kulturali); **donazzjonijiet u patrunaġġ**, fejn il-motivi tad-donaturi u l-patrni fil-parti l-kbira jikkonformaw mal-valuri soċjali u simboliċi u oħra simili mhux ekonomiċi, jiġifieri d-donazzjonijiet jikkonċernaw il-kisba ta' valuri kulturali fil-forom differenti kollha tagħhom; u **d-dħul**, li jirrifletti kemm valuri ekonomiċi kif ukoll dawk kulturali.

Il-finanzjament privat fih ukoll diversi difetti, b'mod partikolari l-importanza li jaħgti lill-programmi artistiki konvenzjonali u lill-organizzazzjonijiet kulturali prestiġjużi. Għaldaqstant, l-ekonomija mħallta, fejn il-fondi pubbliċi jipprovdu sisien sodi li jgħinu l-istabilità tas-settur, fejn il-finanzjament privat jappoġġja avvenimenti jew produttori magħżula skont il-preferenzi individwali, u fejn id-dħul jagħti valur għall-flus lill-konsumaturi, tista' tagħmel tajjeb għad-difetti li tippreżenta kull forma ta' finanzjament partikolari. Id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament tipprova ttaffi r-riskji mhux sistematiċi, biex b'hekk il-prestazzjoni pożittiva ta' sors ta' finanzjament wieħed tinnewtralizza l-karatteristiċi negattivi tal-ieħor.

Il-qofol tal-inkoraġġiment tal-investment privat fis-settur kulturali huwa l-**politika fiskali**. Huwa evidenti li l-politika fiskali u l-politika kulturali għandhom affarijiet komuni bejniethom billi r-regolamentazzjoni fiskali jista' jkollha implikazzjonijiet pożittivi jew negattivi fuq il-kultura. Dejjem kien hemm rabta bejn il-politika kulturali u dik fiskali, u din qed issir dejjem aktar intima. Il-leġiżlazzjoni fiskali hija importanti fis-sens li tista' żżid l-indipendenza finanzjarja tas-settur kulturali. Billi hija sservi bħala mezz biex il-fondi pubbliċi jiġu diretti lejn l-arti, il-vantaġġ ewlieni tal-politika fiskali huwa n-newtralità tagħha fis-sens li l-inċentivi fiskali m'għandhomx x'jaqsmu ma' kontenuti artistiki. Il-kriterji huma pjuttost ġenerali u relatati mal-qasam jew it-tip ta' benefiċjarji. Jitħalla f'idejn l-individwi, il-kumpaniji u l-fondazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jieħdu d-deċiżjonijiet kulturali tagħhom stess. Għaldaqstant, huwa importanti li wieħed jifhem u jippromwovi politika fiskali li tikkunsidra aspetti kulturali bħala strument rilevanti ta' politika kulturali u b'hekk tippermetti t-tehdid ta' deċiżjonijiet individwali rigward l-għoti ta' appoġġ lil proġetti kulturali. Jintużaw ħafna termini differenti b'referenza għall-miżuri fiskali bħall-ħelsien mit-taxxa, moratorja fiskali, tnaqqis fiskali, eżenzjonijiet mit-taxxa, benefiċċji fiskali, inċentivi fiskali, eċċ. Filwaqt li l-parti l-kbira ta' dawn it-termini tirreferi għal tħassir tal-assi li jnaqqas l-ammont tal-bażi fiskali, l-inċentivi fiskali jirreferu għal miżuri speċifiċi mmirati biex iħeġġu l-imġiba mixtieqa fir-rigward tal-arti u l-kultura. Il-moratorji fiskali rament ikunu ppjanati b'mod speċifiku għall-arti u l-kultura, iżda x'aktarx ikunu intenzjonati għall-kategorija filantropika usa' (O'Hagan, 1998). Il-qasam tal-kultura huwa wieħed biss mill-ħafna setturi karitattivi, bħalma huma l-affarijiet soċjali, is-saħħa, l-isports, ir-reliġjon, eċċ. Billi l-istatistiki disponibbli mhux dejjem jagħżlu l-kultura mill-oqsma filantropiċi l-oħra, huwa diffiċli biex wieħed jimmonitorja l-investment privat fil-kultura permezz tal-mekkaniżmi disponibbli. Fil-livell tal-UE r-rata mnaqqsa tal-VAT tirrappreżenta waħda mill-aktar miżuri sinifikanti ta' finanzjament pubbliku indirett, u b'hekk il-politika dwar il-VAT qed issir strument importanti tal-politika kulturali Ewropea.

1.3. L-investment privat fil-kultura: Mekkaniżmi u miżuri magħżula

Ġew żviluppati miżuri u mekkaniżmi differenti biex jiżied l-appoġġ għall-finanzjament privat tal-arti u l-kultura, bħal pereżempju: inċentivi fiskali għad-donaturi, il-konsumaturi u l-isponsors, inċentivi għall-ġbir tal-flus permezz ta' konċessjonijiet korrispondenti biex jiġu kkombinati s-sussidju pubbliku mal-flus li jinġabru b'mod privat, regolamentazzjoni tas-sħubija pubblika privata, appoġġ lill-mekkaniżmi intermedjarji (eż. forums tal-arti u tan-negożju, fondazzjonijiet li jagħtu konċessjonijiet, fondi mil-lotteriji u l-kapital ta' riskju soċjali), użu ta' vawċers iffinanzjati mill-pubbliku li jinċentivaw lill-organizzazzjonijiet kulturali jikkompetu għall-udjenzi u skemi bankarji li jipprovdu aċċess favorevoli għas-self. Meta mqabbla mas-sussidji pubbliċi (jiġifieri premji u konċessjonijiet) bħala forom ta' appoġġ pubbliku dirett, dawn il-miżuri jirrappreżentaw appoġġ pubbliku indirett tal-kultura. L-istat jappoġġja lill-arti u lill-kultura indirettament permezz ta' diversi sforzi biex ikun hemm inċentivi, inklużi politiki ta' ħelsien mit-taxxa, fejn dawk li jħallsu t-taxxa u l-benefiċjarji, minflok l-uffiċjali tal-gvern, jiddeterminaw liema organizzazzjonijiet se jibbenefikaw.

Dan il-kapitolu jippreżenta l-għażla ta' sittax-il mekkaniżmu u miżura speċifiċi li jinkoraġġixxu l-investment privat fil-kultura fl-Istati Membri tal-UE. Dawn ġew identifikati permezz ta' kwestjonarju mibgħut lill-Ministeri għall-Kultura fil-pajjiżi tal-UE, permezz ta' dejta disponibbli mill-Kompendju ta' Politiki u Xejriet Kulturali fl-Ewropa u minn sorsi sekondarji oħra użati f'dan l-istudju, kif ukoll permezz ta' għarfien miksub permezz tal-istudji tal-każ.

1. L-inċentivi fiskali rigward il-konsum tal-kultura huma dawk il-miżuri fejn suġġett tat-tassazzjoni huwa kwalunkwe forma ta' konsum kulturali (eż. xiri tal-mużika, pitturi, skulturi). L-aktar forom ġenerali ta' tali miżuri huma **t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)** għax-xiri ta' prodotti kulturali, it-tnaqqis tat-taxxa għax-xiri ta' oġġetti kulturali, u miżuri oħra, bħal pereżempju t-trasferiment tal-arti minflok ma titħallas it-taxxa. It-tnaqqis tal-VAT għax-xiri ta' prodotti u servizzi kulturali jippreżenta s-sussidji impliċiti ewlenin għall-industriji kulturali, partikolarment fil-każijiet ta' falliment tas-suq (jiġifieri meta l-prodotti kulturali għandhom jiġu ssussidjati minħabba li s-suq ikun żgħir wisq biex jaħdem b'mod effiċjenti).
2. Ir-riċerka tagħna permezz ta' kwestjonarji, kif ukoll id-dejta ta' appoġġ mill-Kompendju, juru li d-dejta dwar il-miżuri li jappoġġjaw lill-**isponserizzazzjoni** qed tiġi mmonitorjata b'mod inkonsistenti. L-isponserizzazzjoni kummerċjali tal-kultura hija preżenti fil-pajjiżi kollha li fihom sar l-istħarriġ. Għalkemm l-isponserizzazzjoni għandha potenzjal tajjeb ħafna u hija mħeġġa permezz ta' inċentivi fiskali, l-isponserizzazzjoni għadha jirrappreżenta porzjon żgħir tad-dħul baġitarju tal-organizzazzjonijiet kulturali.
3. **Partenarjati Pubbliċi Privati (PPP)** normalment jindikaw ftehma bejn gvern u settur privat dwar il-provvediment ta' servizzi pubbliċi jew infrastruttura. Il-prijoritajiet soċjali għalhekk jingħaqdu mal-ħiliet maniġerjali tas-settur privat, biex b'hekk lill-gvern jitneħħilu l-piż li jimmaniġġja n-nefċiet kbar ta' kapital u biex ir-riskju ta' spejjeż barra l-baġit jiġi trasferit għas-settur privat.
4. **Leġiżlazzjoni tal-persentaġġ**, jew filantropija tal-persentaġġ, hija miżura fiskali li permezz tagħha dawk li jħallsu t-taxxa jkunu jistgħu jagħżlu li ċertu persentaġġ tad-dħul tagħhom jiġi allokat lil organizzazzjoni speċifika li m'għandhiex l-għan li tagħmel profitt u li mhijiex governattiva, u f'xi każijiet lil organizzazzjonijiet oħra, bħal pereżempju l-knejjes. Din il-miżura hija kkaratterizzata minn żewġ fatturi: 1) dawk li jħallsu t-taxxa stess jiddeċiedu individwalment dwar kif se jiġi allokat porzjon mit-taxxa mħallsa minnhom; 2) l-użu tal-fondi magħżula huwa limitat għall-għoti ta' appoġġ lil ċerti benefiċjarji (Bullain, 2004). Fost l-Istati Membri tal-UE, is-sistemi tal-leġiżlazzjoni tal-persentaġġ fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, bħal pereżempju l-Ungerija, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja, ir-Rumanija u s-

Slovenja, huma l-aktar rikonoxxuti b'mod mifruq, għalkemm is-sistema teżisti f'xi pajjiżi l-oħra, bħal fl-Italja.

5. **Id-donazzjonijiet individwali** għal għanijiet kulturali huma definiti bħala transazzjonijiet kummerċjali li minnhom tibbenifika naħa waħda biss, ladarba d-donatur ma jistenna ebda benefiċċju dirett. Id-donazzjonijiet jistgħu jkunu ta' natura finanzjarja u mhux finanzjarja. Id-donazzjonijiet tipikament isegwu valuri kulturali oġġla, u l-profitt mhuwiex il-motivazzjoni prinċipali. Madankollu, f'sitwazzjonijiet fejn id-donatur jirċievi xi inċentiv biex jagħti donazzjonijiet lill-kultura, ta' spiss jinksibu riżultati aħjar għall-organizzazzjonijiet kulturali. Għadd ta' Stati Membri tal-UE implimentaw miżuri li jirrigwardaw l-inċentiv tad-donazzjonijiet individwali. Diversi pajjiżi joffru tnaqqis lid-donaturi individwali, abbażi tal-eżempji mogħtija mill-Istati Uniti u mill-pajjiżi li jħaddnu tradizzjoni tal-politika kulturali Anglo-Sassona. Uħud minn dawn il-pajjiżi (bħall-Ġermanja, l-Italja u l-Greċja) għandhom inizzjattivi speċjali għat-taxxi fuq wirt, fejn it-taxxa fuq wirt tista' titnaqqas sa 60% (il-Ġermanja).
6. **Id-donazzjonijiet korporattivi** huma legati, ta' natura finanzjarja u mhux finanzjarja, li jkunu ngħataw minn kumpaniji jew minn suġġetti legali oħra lill-organizzazzjonijiet kulturali jew lil artisti individwali. Il-miżuri li jappoġġjaw lid-donazzjonijiet korporattivi ta' spiss jieħdu l-forma ta' inizzjattivi fiskali għad-donaturi. Minkejja li kienu stabbiliti sew fil-pajjiżi li jħaddnu tradizzjoni tal-politika kulturali Anglo-Sassona, il-miżuri li jappoġġjaw id-donazzjonijiet korporattivi ma dehrux daqshekk fit-tweġibiet għall-kwestjonarju tagħna meta mqabbla mal-miżuri li jagħtu appoġġ lid-donazzjonijiet individwali. In-numru aktar baxx ta' tweġibiet f'din il-kategorija jista' jiġi attribwit għan-nuqqas ta' informazzjoni u monitoraġġ adegwati f'dan il-qafas.
7. Diversi pajjiżi jippermettu li dawk li jħallsu t-taxxa **jitransferixxu** l-proprjetà tagħhom, inklużi x-xogħlijiet **tal-arti, minflok ma jitħallsu taxxi differenti**, bħal pereżempju t-taxxa tal-proprjetà. Tali sistema tagħxi effettivament bħala sistema tal-"kreditu fiskali", meta mqabbla mas-sistema tat-"tnaqqis fiskali" (Freudenberg, 2008) u għalhekk hija aktar ta' benefiċċju għal dawk li jħallsu t-taxxa milli għat-teżor.
8. **Fondi korrispondenti**, jew konċessjonijiet korrispondenti, huwa terminu użat biex jiddeskrivi r-rekwiżit jew il-kundizzjoni li jistipolaw li donazzjoni privata ta' natura finanzjarja jew mhux finanzjarja għandha tkun korrispondenti b'ċertu ammont li jkun proporzjonali għall-valur tad-donazzjoni minn pajjiż terz (pereżempju l-istat jew il-komunità lokali). Hemm relazzjoni pożittiva bejn is-sussidju pubbliku u l-investment privat; jiġifieri, l-investituri privati x'aktarx jinvestu aktar fil-kultura meta jiġu assigurati dwar il-valur ta' dan l-investment billi jaraw appoġġ mill-gvern. Għalhekk, il-fondi korrispondenti qed jiġu kkunsidrati bħala mod possibbli li bih jiġi żgurat li l-investment pubbliku jistinka biex jutilizza aktar investment mis-settur privat.
9. F'bosta pajjiżi, il-**fondi mil-lotteriji** għall-kultura huma sors importanti ta' investment privat fil-kultura, billi t-tqassim tagħhom jippermetti li jkun hemm interventi kulturali li altrimenti ma jkunux possibbli. L-użu ta' fondi mil-lotteriji għall-kultura huwa miżura pjuttost ġdida, iżda dan qed isir aktar importanti bit-talba għal sussidji addizzjonali fil-qasam kulturali. Il-metodi ta' ġbir u ridistribuzzjoni tal-fondi mil-lotteriji jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Dawn il-fondi kemm-il darba jkunu konnessi ma' taxxi speċifiċi, u għalhekk huma assenjati għal għanijiet kulturali speċifiċi.

10. Forma oħra ta' inċentiv għall-investiment privat fil-kultura hija l-użu ta' **vawċers**. B'mod ġenerali, vawċer huwa kreditu ta' ċertu valur monetarju li jista' jintuża biss għal għan speċifikat. Fis-settur tal-kultura, il-vawċers jintużaw biex jinċentivaw id-domanda għal prodotti kulturali. Fl-Ewropa, l-aktar sistema tal-vawċers magħrufa tinsab fis-Slovakkja. Fil-Ġermanja u fir-Renju Unit wieħed ipprova skemi simili.
11. **Taxxa speċifika** hija taxxa li d-dħul tagħha (skont il-liġi) huwa rriservat biss għal grupp jew użu speċifiku. Hemm każijiet fejn ir-riċevituri tat-taxxa speċifika se jirċievu wkoll fondi addizzjonali mill-baġits tal-istat. It-taxxi speċifiċi huma komuni fis-setturi tal-edukazzjoni, tal-kostruzzjoni tal-awtostradi, tal-kwistjonijiet ekoloġiċi u tas-sigurtà soċjali (Pasquesi, n.d.). L-użu ta' taxxi speċifiċi ma tantx issemma fit-tweġibiet għall-kwestjonarju tagħna, jew fit-tieni qari. Din il-possibilità toffri għażla oħra għall-provvediment effiċjenti ta' fondi kumplimentari għall-attivitajiet kulturali.
12. **L-iskemi bankarji** s-soltu jkunu skemi implimentati mill-banek, jew inkella jkunu jirrigwardaw ix-xogħol tal-banek, biex l-appoġġ tal-bank jiġi mmirat lejn is-settur kulturali. L-iskemi bankarji jistgħu jinkludu skemi ta' self li jagħtu rata tal-imgħax preferibbli għall-attivitajiet kulturali, jew inkella kwalunkwe strument ieħor li jiffavorixxi l-attivitajiet kulturali. Eżempju tajjeb ta' skema bankarja jeżisti fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn il-Bank Triodos iddeċieda li jiffoka l-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' responsabilità korporattiva tiegħu fuq l-appoġġ għas-settur kulturali. Il-Fond Kulturali ta' Triodos jagħti self lill-istituzzjonijiet kulturali u jiffinanzja l-kostruzzjoni u r-rinnovament ta' istituzzjonijiet kulturali bħal pereżempju l-mużewijiet u t-teatri (Holterhues, 2009).
13. Is-sistemi ta' inkoraġġiment għall-appoġġ privat tal-kultura huma sostnuti mill-korpi differenti li jagħtu l-konċessjonijiet. **Il-fondazzjonijiet** jirreferu għal kategorizzazzjoni legali ta' organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li tipikament jew jagħtu donazzjonijiet fi flus u jappoġġjaw lil organizzazzjonijiet oħra, jew inkella jipprovdu s-sors ta' finanzjament għall-għanijiet karitattivi tagħhom stess. Is-settur Ewropew tal-fondazzjonijiet qed jikber dinamikament u qed jikseb pożizzjoni u importanza kbira fis-settur kulturali. Il-maġġoranza tal-fondazzjonijiet jagħtu apoġġ lill-kwistjonijiet u lill-aġendi soċjali, filwaqt li l-kultura tirrappreżenta l-għan ewlieni tal-attività ta' għadd iżgħar u aktar limitat ta' fondazzjonijiet.
14. Forma emerġenti oħra ta' investiment privat fis-settur tal-kultura hija **filantropija intraprenditorjali** (VP), li tapplika l-prinċipji tal-investiment tal-kapital ta' riskju, bħal pereżempju l-investiment fit-tul u l-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet, għas-setturi ta' volontarjat u tal-komunità. Hija forma ta' filantropija b"appoġġ estern".
15. **L-organizzazzjonijiet tal-arti u tan-negożju** eżistenti jipprovdu servizzi importanti permezz tal-attivitajiet tat-taħriġ tagħhom, tal-attivitajiet li jgħajmu l-kuxjenza u tar-rabta bejn is-setturi tal-arti u tan-negożju. L-istabbiliment ta' tali aġenziji speċjalizzati, li jinkoraġġixxu l-appoġġ estern bejn il-kumpaniji tan-negożju u s-settur tal-arti, isaħħaħ l-involviment privat fis-settur kulturali. Aspett partikolarment importanti tal-attivitajiet tagħhom huwa l-monitoraġġ u r-rappurtar fir-rigward tal-isforzi tal-għoti minn kumpaniji, billi d-dejta dwar l-investiment privat fil-kultura mhijex sistematikament miġbura fil-livelli nazzjonali u Ewropej.
16. L-importanza ta' mekkaniżmi ġodda li qed jiżviluppaw fil-qasam diġitali, bħal pereżempju l-**iffinanzjar kollettiv (crowd funding)** u l-**ġbir tal-fondi onlajn**, hija enfasizzata ladarba dawn huma strumenti ġodda importanti biex jitħeġġeġ l-investiment privat fil-kultura.

1.4. L-investment privat fil-kultura: Studji tal-każ skont il-pajjiż

L-Ewropa għandha diversi sistemi ta' politiki kulturali fis-seħħ, liema sistemi jippruvaw jirrispondu għall-isfidi fl-ibbilanċjar tal-effiċjenza u l-produttività ekonomika, fuq in-naħa l-waħda, u t-tfittxija ta' objettivi soċjali u kulturali mixtieqa, fuq in-naħa l-oħra (Boorsma, 1998). Dawn is-sistemi jvarjaw fil-mudelli organizzazzjonali tagħhom, minn mudelli burokratiċi ċentralizzati għal mudelli mhux ikkontrollati mill-qrib. Għaldaqstant, hemm differenzi fl-użu u l-irwoli tal-miżuri tal-politika pubblika indiretta, bħal pereżempju tnaqqis fit-taxxa u inċentivi, kif ukoll sussidji orjentati lejn id-domanda, bħal pereżempju vawċers, self mingħajr interessi, fondi korrispondenti u sħubijiet tal-finanzi pubbliċi, u livelli ta' preżenza ta' organizzazzjonijiet intermedjarji (pereżempju organizzazzjonijiet tal-arti u tan-negozju u l-fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku).

Sabiex jiġu analizzati l-politiki kulturali u l-modi li bihom jindirizzaw din l-isfida, ħames studji tal-każ skont il-pajjiż, li ġew analizzati fid-dettall, ġew inklużi f'dan l-istudju. Il-każijiet ta' dawn il-pajjiżi magħżula jagħtuna informazzjoni dwar is-sistemi differenti li jinsabu fis-seħħ bħalissa u jidentifikaw il-miżuri prattiċi u l-eżempji tal-aqwa prattiċi nazzjonali li jħeġġu l-investment privat fis-settur kulturali. Għalhekk, l-istudji tal-każ jidentifikaw ir-realtajiet u l-kwistjonijiet differenti li jirrigwardaw il-finanzjament tal-kultura. Il-pajjiżi magħżula li huma ppreżentati juru kuntesti Ewropej diversi: l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja u r-Renju Unit. Is-sejbiet mill-istudji tal-każ jenfasizzaw is-similaritajiet u d-differenzi Ewropej. Is-sejbiet juru li r-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi (pajjiżi li għandhom tradizzjoni ta' politika kulturali Anglo-Sassona) għandhom l-aktar mekkaniżmi u miżuri avvanzati biex jinċentivaw lis-settur privat għall-investment fil-kultura. Is-Slovenja u l-Polonja, bħala membri ġodda tal-UE bi sfondi postsoċjalisti, għad għandhom sistemi ta' appoġġ għall-investment privat li huma sottożviluppati, minħabba strutturi settorjali kulturali pjuttost inflessibbli. L-Italja, bħala pajjiż bi tradizzjoni Mediterranja, hija każ tan-nofs; għad hemm id-dominju tal-istat, kif ukoll bosta opportunitajiet għall-involvement tas-settur privat.

- Il-każ Taljan juri li, filwaqt li l-istat għandu l-irwol u r-responsabilità prinċipali fir-rigward tal-appoġġ għall-kultura, hemm firxa wiesgħa ta' inizjattivi, inċentivi u sistemi fis-seħħ li jinkoraġġixxu l-appoġġ privat għall-kultura. Il-fondazzjonijiet bankarji għandhom l-aktar pożizzjoni sostanzjali fost dawn is-sistemi.
- L-investment privat fil-kultura fil-Pajjiżi l-Baxxi żdied fl-aħħar deċennju, kemm bħala sehem tal-investment totali kif ukoll bħala ammont assolut. Il-gvern ħadem ħafna f'termini ta' leġiżlazzjonijiet fiskali u ta' programmi li jinċentivaw l-investment privat. Il-mudell attwali tal-politika kulturali tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkombina kemm il-karatteristiki tal-mudelli mhux kontrollati mill-qrib u anke dawk intraprenditorjali. Il-bidliet imħabbra fil-politika kulturali għall-perjodu ta' erba' snin li jmiss jenfasizzaw l-importanza tal-mudelli intraprenditorjali.
- Fil-Polonja, il-promozzjoni tal-investment privat fil-kultura għadu fl-istadji bikrija tiegħu, u għalhekk jeħtieġ approċċ strateġiku mfassal sew sabiex ikun jista' jiġi żviluppat aktar. Tali ħtieġa hija marbuta mal-bżonn li jkun hemm ristrutturar globali tas-settur kulturali fil-Polonja.
- Hemm ftit wisq bidliet strutturali li jwasslu għal aktar investment mis-settur privat fil-kultura fis-Slovenja. Minkejja l-obiettivi tal-politika kulturali eżistenti lejn il-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku fil-kultura u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat, hemm ftit miżuri konkreti fis-seħħ li għandhom l-għan li jimxu f'din id-direzzjoni.
- Fir-Renju Unit, l-hekk imsejjaħ 'standard tad-deheb' (*golden standard*) għall-finanzjament tal-kultura huwa meqjus bħala ekonomija trepied (*tripod economy*), fejn kull sors ta' dħul (pubbliku, privat, maqluġh) huwa responsabbli għal terz tad-dħul totali. Fir-realtà, huwa biss id-dħul li jammonta għal terz tad-dħul globali

(32%); il-finanzjament pubbliku jammonta għal medja ta' 53% tad-dħul tal-organizzazzjonijiet tal-arti, filwaqt li l-investment privat jirrappreżenta l-kumplement tal-15% (Mermiri, 2010a). Minħabba t-tnaqqis riċenti fil-baġits tal-arti nazzjonali u lokali, is-settur tal-arti u tal-kultura qed jaffaċċja l-bżonn li jinsabu sorsi alternattivi ta' dħul, partikolarment investimenti privati, biex jiġi sostitwit is-sussidju pubbliku. Il-gvern qed jipprova jsib modi ġodda li bihom ikun jista' jinkoraġġixxi l-involvement tas-settur privat billi jiżviluppa fond li jagħti inċentiv lid-donaturi u li jibni l-kapaċità tal-ġbir tal-fondi tal-organizzazzjonijiet tal-arti.

1.5. L-Ewropa vs. l-Istati Uniti: Sinteżi komparattiva tal-inċentivi għall-investment privat fil-kultura

Paragun bejn ix-xejriet tal-UE u dawk tal-Istati Uniti fir-rigward tal-investment privat fil-kultura juri differenzi kbar fl-orjentazzjoni tal-politika u fl-eżiti konsegwenti. Is-sistemi huma differenti kemm fl-istrutturi tagħhom kif ukoll fl-ammonti tal-għotjiet privat. Ċerti differenzi jirrigwardaw l-ambjenti politiċi u legali, uħud jirriżultaw mid-disponibilità tar-riżorsi ddedikati għall-ġbir tal-fondi u l-eżistenza tal-kultura li wieħed jitlob, u oħrajn jirrigwardaw il-kultura u t-tradizzjoni tal-għoti u tal-estensjoni tal-ġid.

Mid-disgħinijiet 'l hawn kien hemm bidliet kbar fl-iżvilupp tal-politika, kemm fl-Ewropa kif ukoll fl-Istati Uniti. Filwaqt li pajjiżi Ewropej introduċew leġislazzjoni fiskali li tappoġġja u tippromwovi l-investment privat fil-kultura, l-entitajiet pubbliċi fl-Istati Uniti naqqsu b'mod sostanzjali l-appoġġ pubbliku għall-kultura, biex b'hekk ħallewha f'idejn il-forzi tas-suq.

Id-distinzjoni tal-kultura bħala bene pubbliku u tal-kultura bħala komodità tas-suq hija d-divrenzjar kruċjali meta jitqabblu l-livelli ta' sostenn lis-settur kulturali fil-pajjiżi Ewropej u fl-Istati Uniti. L-isfida ewlenija għall-Ewropa tibqa' li żżomm il-kisbiet tagħha f'termini ta' appoġġ għall-arti u l-kultura bħala bene pubbliku, filwaqt li tinkoraġġixxi mekkaniżmi għall-finanzjament privat li jinċentivaw aktar u li huma wisgħin u versatili.

Ħafna mid-differenzi bejn l-Istati Uniti u l-UE huma evidenti fid-dispożizzjonijiet tal-politika fiskali, fejn l-Istati Uniti jużaw aktar miżuri fiskali bl-għan li jinvolvu l-investment tas-settur privat lill-kultura. Tali miżuri jinkludu, skont id-deskrizzjoni funzjonali: id-diversità fil-forom tal-investment privat, persentaġġ oġhla ta' investment individwali fil-finanzjament privat globali tal-kultura, il-mekkaniżmi tal-legati tal-karità li nħolqu minn qafas fiskali (eż. fond għad-dħul miġbur, fond tal-karità irrevokabbli eżentat mit-taxxa (*charitable remainder trust*), fond tal-karità li għandu l-għan li jnaqqas id-dħul taxxabli tal-benefiċjarji (*charitable lead trust*)), l-oġhla limitu tal-ħelsien mit-taxxa tal-investment individwali u l-kriterji tal-eliġibilità għall-ħelsien mit-taxxa.

Fl-Istati Uniti, l-appoġġ kummerċjali għall-arti u l-kultura nbidel minn investment karitattiv għal strateġija bbażata aktar fuq il-kummerċjalizzazzjoni u orjentata aktar lejn l-isponserizzazzjoni.

Id-differenzi fil-livelli tal-investment individwali fl-Istati Uniti u fl-Ewropa ġeneralment jirrigwardaw it-taxxa tad-dħul federali, it-taxxa tal-proprjetà, it-taxxa fuq qligħ kapitali u t-taxxa fuq donazzjonijiet. L-istrumenti li jintużaw mis-sistema tal-Istati Uniti, u li ma jintużawx daqshekk ta' spiss fl-Ewropa, jinsabu fl-oqsma tal-filantropija intraprenditorjali u tal-investment pjanat.

Il-livell għoli ta' appoġġ privat għall-arti fl-Istati Uniti mhux bilfors jirriżulta f'settur tal-arti li jkun finanzjarjament stabbli. Iż-żieda kontinwa fl-ispejjeż fissi, flimkien mal-kompetizzjoni li qed tiżdied, l-aspettattivi oġhla mill-patrni, in-nuqqas ta' finanzjament pubbliku u l-kriżi ekonomika globali, reġgħu fetħu d-diskussjoni dwar il-livelli xierqa ta' appoġġ kemm mill-finanzjament privat kif ukoll minn dak pubbliku tal-kultura.

1.6. Ir-riflessjonijiet finali

Is-sistema Ewropea tal-finanzjament kulturali hija prinċipalment orjentata lejn l-istat, u r-rieda li jiġu implimentati inċentivi għall-investment privat hija dipendenti mill-oqfsa tal-politika pubblika u mid-determinazzjoni politika. Il-maġġoranza tal-pajjiżi Ewropej qed jilħqu l-limiti tal-baġits tagħhom, partikolarment fid-dawl tal-kriżi ekonomika riċenti, u għalhekk għandhom juru aktar rieda li jesperimentaw bis-sistemi ta' appoġġ privat għall-kultura. Madankollu, ġie implimentat ammont verament żgħir ta' miżuri tal-politika ġodda biex iheġġi l-investment privat fil-kultura, u għalhekk dan juri li l-politiki jdumu biex jirrispondu għax-xejriet u l-isfidi attwali.

Dan li jsegwi jenfasizza l-punti ewlenin ta' dan l-istudju:

- Attwalment, l-appoġġ pubbliku dirett għall-kultura bħalissa għandu t-tendenza li jonqos, minħabba l-kriżi finanzjarja riċenti. Il-bżonn li ssir riforma fis-settur kulturali sabiex isir aktar sostenibbli u intraprenditorjali huwa rikonoxxut fil-politiki kulturali Ewropej, għalkemm il-verità turi livelli differenti ta' ksib ta' dan l-oġġettiv strateġiku.
- L-appoġġ pubbliku dirett jiffoka primarjament fuq l-appoġġ tal-infrastruttura u l-produzzjoni kulturali (jiġifieri l-provvista kulturali), iżda xejriet riċenti juru li l-politiki nbidlu fil-perspettiva sabiex jikkunsidraw il-konsum. Il-kunsiderazzjoni ġdida tal-konsum irriżultat f'talba biex l-organizzazzjonijiet kulturali juru r-relevanza tagħhom għall-udjenzi.
- Il-miżuri pubbliċi indiretti ta' appoġġ permezz ta' inċentivi fiskali fl-Ewropa huma żviluppati sew, iżda l-adozzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet miċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet kulturali u n-negozji tvarja f'pajjiżi differenti, u dan juri li hemm il-bżonn li l-kultura tal-investimenti tiġi promossa u żviluppata.
- It-tendenza li jiġi enfasizzat b'mod eċċessiv il-potenzjal tal-appoġġ privat biex dan iservi ta' alternattiva għall-appoġġ pubbliku hija kontroversjali minħabba li l-fondi privati qed jonqsu rapidament fil-perjodu ta' kriżi u bosta sejbiet jenfasizzaw li hemm korrelazzjoni pożittiva bejn l-irwoli tal-investimenti tal-istat u l-investimenti privati fil-kultura. L-intervent pubbliku f'termini ta' fondi korrispondenti jew inkoraġġiment fiskali jibni fiduċja fl-importanza tal-kultura għall-isponsors u d-donaturi li jixtiequ jikkapitalizzaw f'settur li diġà kiseb suċċess u laħaq livell ta' importanza.
- Fl-Ewropa, il-professjonalizzazzjoni tal-ġbir tal-fondi mhijiex żviluppata kif suppost. Filwaqt li hemm bżonn ta' tali professjonalizzazzjoni, it-teħid tad-deċiżjoni kritika li jintuża l-ġbir tal-fondi huwa diffiċli ħafna meta ta' spiss ma jkunx hemm biżżejjed fondi biex jitħallsu kif suppost l-attivitajiet kulturali u artistiki tal-qalba, jew biex jiġu inkarigati konsulenti esterni għall-ġbir tal-fondi. Għalhekk, il-ġbir tal-flus għadu ma ġiex inkluż biżżejjed bħala parti integrali tal-istruttura operazzjonali fil-maġġoranza tal-organizzazzjonijiet kulturali.

L-idea ġenerali li jiżdied il-livell tal-kontribuzzjoni privata fir-rigward tal-arti u tal-kultura ġeneralment titqies bħala alternattiva promettenti li għandha l-għan li żżid is-sostenibilità finanzjarja tas-settur kulturali f'perjodu meta l-finanzjament pubbliku jinsab taħt skrutinju serju. Madankollu, it-tnaqqis fl-isponserizzazzjoni u d-donazzjonijiet matul il-kriżi ekonomika ma jappoġġjax din l-idea. Hemm bżonn li jsiru aktar sforzi biex jiġu stabbiliti rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-udjenzi, in-negozji u l-komunitajiet sabiex jiġu rikonoxxuti l-valuri differenti tal-kultura u sabiex dawn jiġu sfruttati skont id-diversi raġunijiet differenti li fuqhom ġew ibbażati d-deċiżjonijiet privati ta' investment fil-kultura. Il-gvernijiet jiffaċċjaw sfidi fir-rigward tat-titjib tal-ambjenti politiċi u legali biex jippromwovu u jagħtu appoġġ privat għall-kultura. L-isponsors għandhom jitħeġġu jesploraw opportunitajiet ġodda għal reklamar aktar innovattiv permezz tal-arti u l-kultura, il-patruni għandhom jitħeġġu jergġu jiskopru l-passjoni tagħhom li jirrikonoxxu talenti ġodda, id-donaturi għandhom jitħeġġu sabiex iħossuhom parti mill-proċess tal-formazzjoni tal-ħajja kulturali,

u s-settur kulturali għandu jitħeġġeġ ġirrikonoxxi l-fatt li l-ġbir tal-fondi u l-isponserizzazzjoni mhumiex importanti biss għal raġunijiet finanzjarji, iżda huma importanti wkoll għal-leġittimizzazzjoni soċjali tal-missjonijiet kulturali.

1.7. Rakkomandazzjonijiet

Abbażi tas-sejbiet minn dan l-istudju, dawn li ġejjin huma l-isfidi imminenti biex jitħeġġeġ l-investment privat fis-settur kulturali:

➤ **L-iżvilupp ta' bilanċ tajjeb bejn is-sostenn pubbliku dirett u indirett għall-arti u l-kultura**

Minħabba l-ispeċifitajiet tal-kulturi u l-mudelli Ewropej tal-iżvilupp kulturali fl-Ewropa, l-inkoraġġiment tal-investment privat fil-kultura m'għandux ikun detrimental għall-finanzjament pubbliku. Il-fondi pubbliċi u privati huma kumplementari, billi bażi solida ta' finanzjament pubbliku tikkonsolida l-perċezzjoni ta' fiduċja fil-valur pubbliku tal-kultura, fuq in-naħa l-waħda, u tippermetti l-istabilità tas-settur kulturali, fuq in-naħa l-oħra. Meta jkun hemm kriżi, id-domanda għall-prodotti kulturali tonqos aktar mid-domanda għal prodotti oħra. Sabiex jiġi ppriservat il-valur pubbliku tal-kultura, bilfors għandu jkun hemm appoġġ pubbliku.

➤ **L-iżvilupp tal-metodoloġiji biex tinġabar informazzjoni komparattiva**

In-nuqqas ta' dejta komparattiva sistematika rigward is-sitwazzjoni fiskali tal-UE li tapplika għas-settur kulturali, u l-assenza ta' dejta bbażata fuq metodoloġija komuni, huma ostakoli serji għar-riċerka dwar l-investment privat fil-kultura fl-Ewropa. Sfida oħra hija l-iżvilupp ta' qafas komuni biex jiġu kklassifikati forom differenti ta' filantropija, fejn il-kultura tkun kategorija għaliha, u b'diversi skemi disponibbli sabiex, fil-futur, ir-riċerka komparattiva ssir aktar faċli. Għalhekk jeħtieġ li l-inizjattivi eżistenti, bħal pereżempju l-Istatistika Kulturali tal-Eurostat, u l-Kunsill tal-Ewropa u l-proġett ta' Kompendju tal-ERICarts, ikomplu jiġu elaborati.

➤ **L-iżvilupp ta' aktar appoġġ għall-assoċjazzjonijiet internazzjonali għall-monitoraġġ tad-dejta u l-prattiki komparattivi**

It-tixrid tal-miżuri u l-mekkaniżmi madwar l-Istati Membri tal-UE jissostanzja l-ħtieġa għal entitajiet u networks internazzjonali, li jistgħu jipprovdu stima aktar preċiża u indipendenti tad-dejta u l-prattiki, u anki d-distribuzzjoni aktar effiċjenti tar-riżultati lill-gruppi fil-mira. Id-dejta miġbura mill-forums tal-arti u tan-negożju hija sors prezzjuż ta' informazzjoni iżda tista' tibbenefika aktar minn approċċ metodoloġiku unifikat għall-ġbir u l-interpretazzjoni tad-dejta. L-għoti ta' aktar appoġġ għall-pjattaformi ta' assoċjazzjonijiet internazzjonali tal-forums tal-arti u tan-negożju eżistenti u għal entitajiet intermedjarji oħra għandu jkun il-kompitu naturali tal-UE, sabiex jinħolqu u jiġu promossi kundizzjonijiet li jkunu ta' benefiċċju għall-finanzjament privat tal-arti u l-kultura.

➤ **It-tkabbir tal-għarfien u l-fehim dwar il-benefiċċji u l-miżuri fiskali eżistenti**

Id-diskrepanza ewlenija bejn is-sistema Amerikana u dik Ewropea ma tirrigwardax il-miżuri differenti (għalkemm dan xi drabi huwa l-każ), iżda fil-parti l-kbira tirrigwarda l-implimentazzjoni tagħhom. Fl-Ewropa, miżuri fiskali favorevoli huma definiti f'bosta liġijiet differenti (il-Liġi dwar it-Taxxa fid-Dħul, il-Liġi dwar it-Taxxa fuq Wirt u Legati, il-Liġi fuq il-VAT, eċċ) u huma inklużi f'setturi differenti (pereżempju xandir, edukazzjoni, ambjent). Għalhekk, hemm nuqqas ġenerali ta' għarfien fost il-benefiċjarji u l-investituri/donaturi/sponsors. It-tkabbir tal-għarfien u l-fehim tal-miżuri tat-taxxa eżistenti u ppjanati huwa pass neċessarju lejn l-użu produttiv ta' regolament eżistenti. L-użu effettiv tad-dispożizzjonijiet legali jeħtieġ il-ħolqien ta' katalogu jew gwida transnazzjonali għall-investimenti, b'deskrizzjoni dettaljata tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ u kampanji nazzjonali li jipromwovu l-użu tal-miżuri tat-taxxi disponibbli.

➤ **L-iżvilupp ta' appoġġ pubbliku għall-professjonalizzazzjoni tal-ġbir tal-flus**

Differenza oħra bejn is-sistema tal-Istati Uniti u dik Ewropea hija evidenti meta jiġu kkunsidrati r-riżorsi ddedikati għall-isforzi tal-ġbir tal-fondi. Skont il-livelli ta' appoġġ privat għall-kultura fl-Amerika, is-sistema Amerikana trawwam prattiki tajba għall-ġbir tal-fondi, filwaqt li l-ġbir tal-fondi huwa sempliċiment mekkaniżmu kumplementari u irregolari fis-sistema kulturali Ewropea. Fil-każ li l-fondi ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż ewlenin għall-ipprogrammar, il-professjonalizzazzjoni tal-ġbir tal-fondi tirrikjedi miżuri tal-politika kulturali mmirati biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-programmi u l-istrateġiji tal-ġbir tal-fondi.

- **It-*tkabbir tal-possibilitajiet ta' lobbying skont l-Artikolu 167(4) tat-TFUE (ex Artikolu 151(4) TKE) biex jiġu żviluppati politiki b'implikazzjonijiet kulturali***

L-Artikolu 167(4) tat-TFUE jstipola li l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jikkunsidraw l-aspetti kulturali fl-azzjonijiet tagħhom skont id-diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat. Dan l-Artikolu jagħti lill-istituzzjonijiet tal-UE s-setgħa u l-possibilità li jagħmlu lobbying favur il-kwisjonijiet kulturali, inklużi mekkaniżmi u miżuri biex jitħeġġu l-investimenti privati għall-kultura.

- **L-armonizzazzjoni tal-miżuri tal-VAT mingħajr ma jiġu mhedda l-prodotti kulturali u l-istejtus eċċezzjonali tas-servizzi**

L-armonizzazzjoni tal-miżuri tal-VAT hija ddikjarata mill-Unjoni Ewropea bħala waħda mill-moġħdijiet possibbli għall-iżvilupp futur tal-leġiżlazzjoni fiskali fl-UE. Meta jkunu qed jiġu segwiti tali bidliet, wieħed għandu joqgħod attent li ma jirrovinax dak li nkiseb minn eżenzjonijiet tal-VAT kulturali msemmija fl-istudju, u għandu jsegwi l-eżempju tal-istati li għandhom stejtus benefiċjarju u eżemplari għall-prodotti u s-servizzi kulturali.

- **L-għoti ta' appoġġ għall-forums tal-arti u tan-negozju bħala medjaturi bejn l-arti, in-negozju u l-leġiżlaturi**

Il-forums tal-arti u tan-negozju huma mekkaniżmi intermedjarji li jinkoraġġixxu lid-donaturi jiżviluppaw kultura ta' investment, u li jinkoraġġixxu lill-organizzazzjonijiet u lill-artisti kulturali jiżviluppaw kultura li wieħed jitlob. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom rwol attiv fl-istabbiliment u l-promozzjoni tas-sħubijiet bejn is-setturi kulturali u tan-negozju. Tali sħubijiet jimplikaw li l-organizzazzjonijiet tan-negozju li jappoġġjaw lill-proġetti kulturali jiksibu perspettivi strateġiċi tad-dehra u l-viżibilità tal-marka tagħhom, kif promossi fl-isħubijiet mal-organizzazzjonijiet kulturali, filwaqt li organizzazzjonijiet kulturali jiksibu aktar sigurtà fl-ippjanar tal-programm fit-tul. Il-forums tal-arti u tan-negozju huma wkoll metodi użati għall-implimentazzjoni tal-iskemi tat-taxxa preferenzjali fil-prattika.

- **Il-promozzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-politiki fiskali biex jitħeġġeġ l-appoġġ privat għall-kultura fl-Istati Membri**

L-appoġġ tal-politika fiskali huwa importanti ħafna biex jiġi stabbilit il-qafas għal involviment akbar tal-fondi privati. L-entitajiet u l-uffiċjali pubbliċi b'awtorità fil-qafas kulturali għandhom għarfien kemxejn limitat fir-rigward tad-diversità tal-miżuri u l-mezzi disponibbli fid-dominju fiskali. Għalhekk, mhuwix sorprendenti li m'hemmx aktar appoġġ biex jissaħħu l-miżuri eżistenti jew inkella biex jiġu introdotti miżuri ġodda li jinkoraġġixxu l-investment privat fil-kultura. Din is-sitwazzjoni tenfasizza b'żonn li jiġu mmonitorjati u evalwati l-effetti tal-implimentazzjoni tal-politika fiskali fil-qasam kulturali, u li ssir analiżi transkomparattiva fil-livell tal-UE bl-għan li jinsabu l-aħjar soluzzjonijiet. Jekk ma ssirx l-analiżi kompetenti tan-nefqa fiskali mill-awtoritajiet fiskali u l-ministeri għall-finanzi, kwalunkwe tentattiv immirat biex itejjeb l-ambjent fiskali jitmexxa abbażi tal-ideoloġija minflok ma jkun risposta artikulata u pramatika għal perspettiva fiskali fit-tul li tinbidel.

➤ **Azzjoni tal-politika kulturali mmexxija minn valuri differenti tal-kultura**

Numru kbir ta' fatturi jinfluwenza lill-investment privat għall-kultura - uħud ma jaqgħux fl-ambitu tas-settur kulturali (bħal pereżempju, l-ambjent politiku u legali aktar wiesa'), uħud jirrigwardaw lid-donaturi (bħal pereżempju, il-kultura tal-investment u tal-estensjoni tal-ġid, inkluż it-trasferiment interġenerazzjonali tagħha fil-futur) u oħrajn jinsabu fi ħdan is-settur kulturali (bħal pereżempju, ir-riżorsi użati għall-ġbir tal-fondi u l-kultura li wieħed jitlob). Tali kumplessità tirrikjedi li azzjoni politika kulturali tkun multidimensjonali u olistika fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, u li tkun immexxija minn valuri differenti tal-kultura. Madankollu, waħda mill-isfidi prinċipali għat-tfassil tal-politika kulturali hija li jinħolqu mekkaniżmi proattivi li jistgħu jirreaġixxu għal tibdiliet imminenti fl-ambjenti soċjali, politiċi u ekonomiċi. Miżuri politiċi kulturali li jħeġġu l-investment privat fil-kultura għandhom b'mod predominanti jindirizzaw l-iżvilupp tal-kompetenzi fis-settur kulturali biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet produttivi mas-settur privat. Barra minn hekk, id-direzzjonijiet tal-iżvilupp tal-politika kulturali għandhom iwasslu biex jinħoloq qafas leġiżlattiv adegwat li jistipola li l-prinċipji tal-ekonomija mħallta għandhom ikunu l-pedament tal-kisba tas-sostenibilità.